## Taqsima B – Grammatika (30 marka)

**Eżerċizzju 1: Agħżel il-kelma t-tajba:**

1. Post fejn jinżammu t-tiġieġ (maqjel; gallinar; razzett) (3 marki)
2. Post fejn tmur titgħallem (ħanut; klabb; skola) (3 marki)
3. Post fejn tissellef il-kotba (librerija; maħżen; arkivji) (3 marki)
4. Post fejn jinżlu l-ajruplani (baħar; triq; ajruport) (3 marki)
5. Post fejn jidfnu l-mejtin (knisja; ċimiterju; għalqa) (3 marki)

**Ezerċizzju 2: Żid il-kelma li tmur: (Eżempju. Il-manku tas-sikkina)**

1. L-għonq tal-fl_ _k _n (3 marki)
2. Il-widna tal-k_ _ k _a (3 marki)
3. L-għalaq tal-b_ _m_l (3 marki)
4. Il-lasta tal-ix_ _p _ (3 marki)
5. Is-saqajn tas-s _ _ġ _ (3 marki)

## Taqsima Ċ – Lingwa (30 marka)

**Eżerċizzju 1: Kompli l-espressjonijiet b'kelma waħda.**

1. Dal-bniedem ħażin għandu lsien ta' ________________. (3 marki)
2. Din il-mara tlablab daqs ____________________. (3 marki)
3. Is-sala kienet mimlija daqs ________________________. (3 marki)
4. Il-ħmar irqiq qisu s-seba' snin tal- _______________. (3 marki)
5. Is-sinjur għandu geddumu fix- ___________________. (3 marki)

**Eżerċizzju 2: Imla l-kliem li jonqos f'dawn il-qwiel.**

1. Il-ħuta minn __________ tintenn. (3 marki)
2. Il-fsied iħassar 'l- ____________. (3 marki)
3. Wara d-daħk jiġi l- ___________. (3 marki)
4. Skont iz-zokk il- _____________. (3 marki)
5. Bil-qatra l-qatra timtela l- ___________. (3 marki)

# TMIEM



# EŻAMI GĦALL-POST TA' MESSAĠĠIER TAL-QORTI FID-DIPARTIMENT TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA (MALTA) FIL-MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA U GVERN LOKALI

## ĦIN – Siegħa u nofs

## Malti 2018

## IL-KITBA KOLLHA TRID ISSIR FUQ L-ISKRITT IPPROVDUT.

### Taqsima A – Fehim it-Test (40 marka)

### 1. Aqra sewwa din is-silta u aħdem l-eżerċizzji li jsegwuha.

### Il-Ħin

Jiftakar l-ewwel arloġġ li kellu qisu kien ilbieraħ. Kien rigal tal-Griżma –"Għax issa sirt Suldat ta' Kristu" - mingħand il-parrinu li kien ukoll zijuh min-naħa t'ommu.

Tgħidx kemm kien feraħ bih u li ma kienx minħabba l-insistenza t'ommu lanqas biex jorqod ma kien ineħħih. Kien tad-ditta Roamer u ġie mixtri minn ħanut tad-deheb il-Belt. Kien wieħed li kont trid ittih il-ħabel biex jaħdem, mhux bħal tal-lum li jaħdmu bil-batterija.

U għall-bidu kemm kien iddandan ma' sħabu bl-arloġġ meta kien jilbsu għal xi okkażjoni; bħall-festa tar-raħal jew għall-quddiesa tal-Milied, ngħidu aħna!

Qabel dan l-arloġġ tal-idejn kien ilu li sema' l-kelma 'ħin' – għalkemm ma kienx ikollu ħjiel tat-tifsira preċiża tal-kelma. U dan kien jiġri kull meta ommu kienet tiftaħ ħanġra daqsiex : "Qum għax sar il-ħin għall-iskola!" jew "Sar il-ħin għall-quddies u m'intix se tilħaqha fil-ħin. M'intix tismagħha ddoqq?"

Barra dan, fl-iskola l-għalliem ta' Stage 2 ħalli għalih ipinġilhom arloġġ kbir fuq il-blackboard u joqgħod jurihom is-sigħat u daqqa jgħidilhom li issa l-ħin tas-somom, u daqqa li issa saru l-għaxra u sar ħin il-qari bl-Ingliż.

Imma kien hemm żewġ arloġġi oħra li kienu jolqtuh sewwa. Wieħed kien l-arloġġ il-kbir, itwal sewwa minnu, li kien jinsab fl-intrata tad-dar tan-Nanna Tona. Iġib quddiem għajnejh kif kien jieqaf għal xi ħin quddiemu u waqt li jisma' it-tikk-tokk ma jaqta' xejn kien jogħxa jara dak il-pendlu leqqien jitbandal minn naħa għal oħra qisu l-mewġ lubien f'xi lejla sajfija jiżżagħbel max-xatt ramli. Jiftakar kif ġieli kien jgħejji 'l għajnejh ibandalhom mat-tbandil tal-pendlu. Ġieli kien jispiċċa jitwerreċ. U l-ħoss tiegħu, kalm ukoll, ma kienx idejqu. Anzi, f'dik il-ħemda bin-nanna togħnos fuq is-sufan, kien bħal jitħannen.

U bil-mod il-mod beda jidra l-ħin. Bħal surmast aħrax il-ħin kien dejjem jiġri warajh u hu jipprova jaħrab jew jiskarta minnu kemm jista'. Drabi oħrajn kien hu li kien jiġri wara l-ħin imma ma kienx ilaħħaq mal-ħeffa tiegħu u jispiċċa mifluġ u bla ħajra ta' xejn.

Mhux hekk l-arloġġ tal-Knisja tar-raħal; dan kien differenti. Bi preċiżjoni liema bħalha kien jissieħeb mal-arloġġ tan-nanna. Kienu jagħmlu dwett sinkronizzat flimkien. Ismagħhom: Tinn!Tinn! Tinn ... Buuum! Buuum! Buuum! U kulħadd kien ikun jaf il-ħin. Barra hu. Qatt ma fehem għaliex kienu jdoqqu daqqa mod, daqqa mod ieħor.

Sakemm darba waħda n-Nanna Tona qagħdet bil-paċenzja kollha tfissirlu s-sigħat, in-nofsigħat u l-kwarti li kienu jimmarkaw l-arloġġi permezz tan-noti tagħhom. Tgħidx kemm tkabbar fil-klassi quddiem sħabu meta l-għalliem beda l-lezzjoni dwar il-ħin u hu biss wera li jaf x'ifissru t-tokki tal-arloġġ tal-knisja. Għalissa dak kien biżżejjed għalih. 'Il quddiem kien għad jifhem kemm hu importanti li tkun fil-ħin, li timxi mal-ħin eżatt, li taħdem skont il-ħin.

Kien jisma' min jgħid li qed jiġri wara l-ħin; ħaddieħor li m'għandux ħin x'jitlef; l-ieħor, daqqa li l-ħin huwa qasir, daqqa li hu twil.

U l-ħin beda jieħu sura ta' sħaba wieqfa dejjem fuq rasu, tgħasses fuqu bla waqfien.



**Eżerċizzju 1: Agħmel sinjal taħt Veru jew Falz skont is-silta. (10 marki)**

1. L-awtur qala' l-arloġġ mingħand iz-ziju t'ommu. (Veru / Falz)
2. Dil-ġrajja seħħet żmien ilu. (Veru / Falz)
3. L-awtur ma kienx jilbes l-arloġġ li qala' kuljum. (Veru / Falz)
4. L-arloġġ tan-nanna kien fil-kamra tal-ikel. (Veru / Falz)
5. Iż-żewġ arloġġi kienu jinstemgħu jdoqqu flimkien. (Veru / Falz)

**Eżerċizzju 2: Agħmel sing taħt il-kelma/frażi li taqbel mas-silta. (10 marki)**

1. It-tifel kien (jinkedd, jitwerreċ, jitgħaxxaq, jinħasad) bit-tbandil tal-pendlu.
2. Il-mewġ fit-tixbiha kien (qawwi, żejt, imċaqlaq, ħafif ħafna).
3. Ommu kienet tkun (inkorlata, indifferenti, tiċċajta, iddisprata) meta kienet tgħajjatlu.
4. It-tifel iqabbel il-ħin ma' (għalliem, surmast, missier, ziju).
5. Mis-silta wieħed jintebaħ li n-Nanna Tona kienet mara (nervuża, supperva, paċenzjuża, imdejqa biha nnifisha).

**Eżerċizzju 3: Mis-silta sib il-kelma n-nieqsa biex tkompli s-sentenza. (10 marki)**

1. Għax l-arloġġ ma kienx diġitali t-tifel kellu jtih _____.
2. Kienet minħabba l- ___________ t'ommu li l-awtur kien ineħħi l-arloġġ.
3. Għax il-pendlu kien _____ wieħed jifhem li n-nanna kienet tnaddfu sewwa..
4. Tant l-arloġġi kienu jdoqqu fl-istess ħin li kienu qishom qed jagħmlu ___.
5. Il-ħin kien qisu qed ______ fuqu kontinwament.

**Eżerċizzju 4: Ikteb kelma mill-kaxxa t'hawn taħt ħdejn il-frażi li taqbel magħha. (10 marki)**

| *sinkronizzat ... mifluġ ... ħjiel ... ħanġra ... lubien* |
| --- |

1. bejn rieqed u bejn imqajjem ___________________________
2. impressjoni ___________________________
3. bl-għajjat ___________________________
4. magħmul fl-istess waqt ___________________________
5. bla saħħa ___________________________